# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Ċitazzjoni numru 1902/2001**

***Valle del Miele Limited***

***v.***

**Raphael Aloisio, Malcolm Booker, Steve Cachia, Edward Camilleri, Andrew Manduca, Paul Mercieca u Stephen Paris personalment u fil-kapacità tagħhom ta' *partners* tal-kumpamnija *Deloitte & Touche Certified Public Auditors & Accountants***

1. Il-qorti rat ir-rikors tal-konvenuti tal-25 ta' Frar 2020.

2. Reġgħet rat ukoll ir-rikors tal-istess konvenuti tas-16 ta' Diċembru 2019 u d-dikriet relativ tat-23 ta' Diċembru 2019. F'dak ir-rikors il-konvenuti kienu talbu illi tingħata sentenza fuq l-appell mis-sentenza tal-ewwel qorti dwar l-eċċezzjonijiet preliminari u, jekk dan ikun meħtieġ (*i.e.* jekk jiġi miċħud l-appell mis-sentenza preliminari), sentenza oħra, separata, fuq l-appelli mis-sentenza finali tal-ewwel qorti, flok tingħata sentenza waħda fuq l-appelli miż-żewġ sentenzi wara trattazzjoni waħda f'seduta waħda fuq iż-żewġ appelli. Din it-talba ġiet miċħuda bid-dikriet tat-20

ta' Jannar 2020 għar-raġuni illi, li kieku kellha tintlaqa' t-talba, dan kien iwassal biss għal ħela ta' ħin f'kawża li ilha pendenti mill-2001, bla ma jinkiseb ebda vantaġġ effettiv.

3. Il-konvenuti issa jridu illi din il-qorti ma tkomplix bis-smigħ tal-appell sakemm tinqata' kawża li fetħu quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem biex jitolbu dak li ġà talbu bir-rikors tas-16 ta' Diċembru 2019 u ġie miċħud bid-dikriet tal-20 ta' Jannar 2020.

4. Huwa ovvju illi l-konvenuti ma huma sejrin iġarrbu ebda preġudizzju jekk it-trattazzjoni kemm fuq l-appell mis-sentenza preliminari tal-ewwel qorti u kemm fuq l-appell mis-sentenza finali ta' dik il-qorti jinstemgħu u l-appell jiġu deċiżi flimkien, għax xorta jibqa' possibbli li jintlaqa' l-appell mis-sentenza preliminari wkoll jekk tkun saret trattazzjoni fuq iż-żewġ appelli. Min-naħa l-oħra, ma hu sejjer jinkiseb ebda vantaġġ jekk jinstema' biss l-appell mis-sentenza preliminari, ladarba x-xiehda hija magħluqa u kull ma fadal hu biss trattazzjoni finali. Kull ma jinkiseb hu aktar dewmien għalxejn.

5. Talba li ssir biex, ukoll jekk tintlaqa', min jagħmilha ma jikseb ebda vantaġġ effettiv iżda biss aktar dewmien fil-proċeduri ma tistax ma titqiesx ħlief fiergħa u vessatorja.

6. Il-qorti għalhekk tiċħad it-talba u ttenni l-ordni mogħtija lill-partijiet fid-dikriet tal-20 ta' Jannar 2020 sabiex fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2020 jagħmlu t-trattazzjoni fuq l-appelli miż-żewġ sentenzi tal-ewwel qorti.

7. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallsuhom il-konvenuti rikorrenti.

8. Dan id-dikriet ingħata in camera llum 28 ta' Frar 2020. Għandha minnufih tintbagħat kopja lill-Av.Stefan L. Frendo għall-konvenuti rikorrenti u lill-Av.Shaheryar Ghaznavi għas-soċjetà attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur